Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 146/2016

Il-Pulizja

Spettur Godwin Scerri

Vs

Yavor Petkov

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Yavor Petkov detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 70859A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-9 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tas-12:55hrs waqt li kien qieghed isuq vettura b'numru ta' registrazzjoni GBS-289 tal-ghamla Suzuki fi Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar:

1. Saq l-imsemmija vettura b'mod traskurat, negligenti u b'manjiera perikoluza.

2. U aktar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe` danni fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni DLR-777 tal-ghamla Audi, liema hsara tammonta ghal €767 ghad-danni ta' David Mifsud.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 325 (1) (b) tal-Kodici

Kriminali u artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat lill-imputat **Yavor Petkov** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal sentejn u kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mitt ewro (€100).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum.

Inoltre l-Qorti issospendit kull licenzja tas-sewqan li l-imputat ghandu fil-pussess tieghu u dan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti wkoll, ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-imputat ihallas lil David Mifsud is-somma ta' seba' mija u sitta u sebghin ewro (€767) rapprezentanti danni sofferti minnu u dan fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Yavor Petkov, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza precitata mis-sentenza mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Marzu 2016 u minflok tipprovdi billi ssib lill-esponent mhux hati tal-akkuzi hekk kif migjuba kontih u ghalhekk tilliberah minnhom u, minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq mitlub, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti xorta wahda jidrilha li ghanda tippersisti s-sejbien tal-htija, allura li l-piena finalment inflitta ghandha tkun ferm imnaqqsa u anke konsonanti kemm mal-offizi innifisha u anke mal-provvedimenti applikabbli ghal drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti anke bil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluz l-Artikolu 1 tar-raba' protokoll li hemm mal-istess Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Yavor Petkov huwa car u manifest fis-segwenti:-

1. Illi l-appellant jhossu manifestament aggravate bis-sentenza precitata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL. D fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Marzu, 2016;
2. Illi dwar l-apprezzament tal-fatti, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet, bir-rispett kollu, zbaljata totalment u anke applikat il-provvedimenti u uzanzi legali applikabbli ghall-process kriminali b' mod zbaljat u dan ukoll wassal lill-Ewwel Qorti sabiex tinfliggi piena goffa. Tant hu hekk li dik il-Qorti imponiet il-piena massima ghal kontovenzjonjiet kontra l-esponent;
3. Illi oltre l-premess, il-prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli tipprova li l-allegati imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponent sal-grad ezigit mill-ligi u b' hekk, l-Ewwel Qorti zbaljat talli sabet lill-appellant hat ital-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmien xhur prigunerija li b' applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali qedghin jigu sospizi ghal sentejn u kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mitt ewro, inoltre l-Qorti ssospendiet kull licenzja tas-sewqan li l-esponent jinsab fil-pussess taghha u dan ghal zmien tlett xhur minn dakinhar. Il-Qorti wkoll, ai termini tal-artikolu 532 A tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-esponent ihallas lil David Mifsud is-somma ta' seba' mija u sitta u sebghin ewro rapprezentanti danni sofferti minnu u dan fi zmien tlett xhur minn dakinhar;
4. Illi l-oneru tal-prova rikjest fil-kamp penali huwa mixhut fuq il-prosekuzzjoni u l-Qorti ghandha l-obbligu li ssib lill-imputata hatja biss jekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u ma jhallu ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f' dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza ghandu per forza jmur favor l-imputat li ghandu

immedjatament jigi dikjarat liberat – in dubbio pro reo. Din hija l-prassi legali ben stabbilita f' dal-pajjiz 9 vide Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et deciza mill Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 t' April, 1992);

5. Illi, mkien mill-provi ma jirrizulta li l-esponent kien qieghed jsuq fi Triq San Luqa, san Pawl il-Bahar fid-9 t' Ottubru, 2015, u aktar minn hekk, imkien ma jirrizulta li kien l-esponent li fil-hin indikat, fl-imsemmija triq kkawza l-hsara indikata fl-imputazzjonijiet;
6. Illi, oltre l-premess jinghad minghajr tlaqliq li:
   a. Ma giex ippruvat li nhar id-9 t' Ottubru, 2015 ghall-habta tas-12.55hrs waqt li kien qieghed isuq vettura b' numru ta' registrazzjoni GBS 289 tal-ghamla Suzuki fi Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, anzi irrizulta bl-aktar mod car li l-esponent lanqas ma kien vicin l-imsemmi post f' dak l-imsemmi hin. Li jirrizulta b' mod car pero' kien li kemm Rachel Mifsud u anke l-esponent jigru t-tfal taghhom kulljum mill-istess skola f' San Pawl il-Bahar;
   b. Ma giex ippruvat li l-esponent saq l-imsemmija vettura b' mod traskurat negligent w b' manjiera perikoluza;
   c. Ma giex ippruvat li l-esponent volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe danni fuq vettura b' numru ta' registrazzjoni DLR 777 tal-ghamla Audi liema hsara tammonta ghall-seba' mija u seba' u sittin ewro – anzi jirrizulta minn dak li xehed David Mifsud li l-imsemmija Audi kienet involuta f' incident stradali qabel ma sehh dan l-allegat incident, mentri skond Rachel Mifsud dak l-incident ma sehh dan l-alegat incident. Mistoqsi in kontroezami biex jipproduci ritratti tal-allegata hsara fuq l-Audi li allegatament hija tieghu, l-istess David MIfsud baqa' ghal kollox inadempjenti. Lanqas ma ingiebet prova ohra tal-allegata hsara (bhal perezempju insurance claim). Jinghad minghajr tlaqliq li forsi huwa l-kaz lid an ma ingabx peress illi ma sarx – haga li tindika li forsi din l-allegata hsara lanqas biss tezisti. Bir-rispett kollu, kieku dehrilha, il-pulizija setghet facilment verifikat jekk kien hemm tracci tal-allegata habta

fuq iz-zewg karozzi a tempo vergine – dan ma sehhx la a tempo vergine u lanqas wara, u kieku dan sar zgur kienet tingieb prova fir-rigward; u

d. Ma giex ippruvat li l-imsemmi Audi fil-fatt huwa ta' David Mifsud.

7. Illi huwa principju baziku pprattikat mill Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi misjub hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni (vide Il-Pulizija vs Joseph Cini deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-12 ta' Gunju, 2012). Huwa veru mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi liberat, izda l-fatt jibqa' li dak li malli jkun dubbju dettat mir-raguni f' mohh il-gudikant, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt lit rid tipprova l-Prosekuzzjoni ma giex hekk ppruvat allura l-gudikant ghandu jillibera mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.
8. Illi oltre hija dejjem il-prosekuzzjoni lit rid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji dan dejjem sal-grad ta' konvinciment moral ital-gudikant (vide Il-Pulizija vs Paul Farrugia deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu, 2000). Dan m' hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali taghna, li min qed jallegafatt irid jippruvah;
9. Illi mill-banda l-ohra, l-imputat , prezunt innocent, m' ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista' jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabli (vide Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Lulju, 1998);
10. Illi ghalhekk l-appellant minghajr pregudizzju ghal dak precitat, jirrizulta lampanti li l-appellant gie manifestament aggravate bil-pieni li l-Ewwel Qorti infliggiet fuqu;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qieghed iressaq l-appell tieghu mid-decizjoni impunjata essenzjalment ghaliex jishaq illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kien wiehed zbaljat.

Illi qabel xejn din il-Qorti tosserva illi r-rikors tal-appell ma huwiex redatt fi-termini preskritti mill-ligi fl-artikolu 419(1) (a) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex fil-parti intestata "Fatti Fil-Qosor", l-appellanti jirriproduci l-akkuza migjuba kontra tieghu u imbaghad jirriproduci d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward. Wara dan ighaddi minnufih biex iressaq l-aggravvju tieghu fil-konfront tad-decizjoni impunjata b'ommissjoni cara milli isemmi il-fatti u ir-*res gestae* li wasslu ghal dan il-procediment penali. Illi l-artikolu 419 ifassal dak li hu mehtieg *ad validitatem* fir-rikros ta'l-appell meta jinghad:
**"(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, <u>taħt piena ta' nullità -</u>**
**<u>(a) il-fatti fil-qosor;</u>**
**(b) ir-raġunijiet tal-appell;**
**(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."**

Ikkunsidrat;
Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Onor. Dr. V. De Gaetano fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

Fl-Appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll presjeduta mill-Prim'Imhallef Emeritus Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm *:*
*"tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-*

*att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."*

Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox u ghalhekk r-rikors tal-appell ma jissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex huwa evidenti illi ma jissemma addirittura ebda fatt biex jindika kif u ghaliex gara l-incident, u x'wassal allura biex tressqu l-akkuzi fil-konfront ta'l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara r-rikors tal-appell tal-appellanti irritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' fl-artikolu 419 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur